**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**6 ta' Ottubru, 2022**

**Rikors Numru 100/21**

**Darren Aquilina**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ippreżentat minn **Darren Aquilina** datat 30 ta' Settembru, 2021 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:

*Illi huwa kellu tag ta` xufier ta` taxi.*

*Illi fl-aħħar ta` Jannar 2007 huwa ġie arrestat in konnessjoni ma` offiżi relatati ma sustanzi projbiti u ġie mressaq b'arrest quddiem l-Qorti fl-1 ta` Frar 2007.*

*Illi b'riżultat ta` tali proċeduri, it-tag tiegħu ġiet sospiża.*

*Illi huwa ġie misjub ħati mill-Qorti Kriminali fl-4 ta` Marzu 2015 fejn weħel sentenza karċerarja effettiva.*

*Illi huwa skonta l-piena u meta ħareġ mill-Faċilità Korrettiva, huwa applika għat-tiġdid tal-imsemmija liċenzja.*

*Illi b'ittra tal-Awtorità tat-Trasport intimata ta` Lulju 2021 l-istess Awtorità għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-4 ta` Marzu 2015 u ddikjarat illi għab-bażi ta` din is-sentenza r-rikorrenti ma ssodisfax ir-rekwiżiti ta` reputazzjoni u kondotta tajba à tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 499.56 u 499.68 tal-Liġijiet ta` Malta.*

*Illi kif ġie mistieden li jagħmel mill-istess Awtorità, l-esponenti ppreżenta rappreżentazzjonijiet għaliex fil-fehma tiegħu dak li kienet bi ħsieba tagħmel l-Awtorità kien żbaljat u dan permezz ta` ittra tal-Avukat sottoskritt tal-11 ta` Awwissu 2021.*

*Illi l-Awtorità reġgħet kitbet tramite l-Avukat tagħha Dr Chris Cilia fit-30 ta` Awwissu 2021 fejn qalet illi kienet żbaljata meta applikat l-imsemmija artikoli tal-liġi iżda din id-darba qalet illi kienet ser tirrakkomanda r-rifjut à tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 499.59 però stiednet lill-esponenti sabiex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet relattivi.*

*Illi fis-7 ta` Settembru 2021 l-esponenti ppreżenta r-rappreżentazzjonijiet fejn spjega għaliex dehrlu illi l-Awtorità ma kienetx qed timxi skond il-liġi.*

*Illi b'deċiżjoni li ġiet komunikata bl-ittra miktuba mill-Avukat Chris Cilia tal-14 ta` Settembru 2021, l-Awtorità ċaħdet ir-rappreżentazzjonijiet fuq imsemmija u għarrfet lill-esponenti li għandu dritt jintavola appell quddiem dan it-Tribunal.*

*Illi l-aggravju tal-esponenti huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej.*

***Preliminari:***

*Illi fid-deċiżjoni komunikata fl-14 ta` Settembru 2021, għalkemm ma jingħadx speċifikament li t-talba tal-esponenti għall-liċenzja in kwistjoni kienet qiegħda tiġi miċħuda, li intqal huwa illi r-rappreżentazzjonijiet magħmula ma kienux aċċettati. Teknikament l-Awtorità kellha tgħid li qed tiċħad t-talba u tagħti raġuni għal dan iżda dan ma għamlitux*

*Illi r-rifjut tat-talba għal liċenzja jista` jinftiehem li joħroġ b'implikazzjoni u mhux b'mod dirett.*

*Il-piż tal-prova tar-rifjut u l-validità tal-istess jinkombi lill-Awtorità. Hija obbligata tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha ta` rifjut u mhux sempliċiment tixkupa 'l barra d-difiżi. L-ewwel u qabel xejn kellha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha u wara dan, tara d-difiżi.*

*Dan qed jiġi preċiżat 'il għaliex din is-sitwazzjoni twassal biex l-esponenti jikkonkludi li l-motivazzjoni preċiża u kompleta tar-rifjut hija biss 'il għaliex l-Awtorità dehrilha li r-rappreżentazzjonijiet kollha magħmula mil-esponenti bl-ittra tas-7 ta` Settembru 2021 m'humiex fondati.*

<u>*Kap 499.59 – Art 11 (1)(a)*</u>

*Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, à tenur tad-dispożizzjonijiet tal-499.59, Artikolu 11(1)(b) huwa stipulat illi applikant għall-permess de quo irid jissodisfa li għandu reputazzjoni u kondotta tajba.*

> ***11.*** *(1) Persuna li tapplika għall-permess ta` xufier ta` taxi għandha tissodisfa lill-Awtorità li hi -*
> *(a) għandha reputazzjoni u kondotta tajba;*

*Dan m'huwiex kontestat, iżda l-liġi ma tieqafx hemm u tkompli billi taħt l-Artikolu 11A(1)(a), huwa speċifikat*

> ***11A.*** *(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta` reputazzjoni u kondotta tajba kif meħtieġ taħt ir-regolament 11 -*

> *(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher:*
> *(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha.*

*Fil-każ odjern, l-esponenti fil-fatt ġie misjub ħati ta` offiża relatata għalkemm m'huwiex ta` traffikar ta` eroina kif indikat mill-Avukat Cilia fl-ittra tal-14 ta` Settembru 2021.*

*Illi b'danakollu però, fl-Artikolu 11A(2) huwa provdut:*

> *(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" m'għandhiex tinkludi:*
> *(d) sentenza għat-twettiq ta' reat li -*
> > *(i) sar qabel l-1 ta' Novembru, 2010;*
> > *(ii) sar minn persuna li kellha tag ta' xufier tat-taxi valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel l- 1 ta' Novembru, 2010; u*
> > *(iii) ngħatat għall-anqas ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tat-tag ta' xufier tat taxi u tal-permess tax-xufier.*

*Illi għalhekk wieħed irid jara meta ingħatat tali sentenza u dwar liema reat, u f'dan ir-rigward hemm tlett rekwiżiti:*

***1. Illi r-reat ġie kommess qabel l-1 ta` Novembru 2010***

*Fil-każ odjern, r-reat li tiegħu l-esponenti instab ħati seħħ f'Jannar 2007 u konsegwentement dan ir-rekwiżit huwa sodisfatt.*

***2. Li l-esponenti kellu tag qabel l-1 ta` Novembru 2010***

*Fil-każ odjern, huwa relevanti u tajjeb li jiġi enfasizzat illi l-liġi ma tgħidx kemm wieħed għandu jmur lura qabel l-1 ta` Novembru 2010 u għalhekk, skond kif inhi miktuba l-liġi, ġaladarba individwu kellu tag ta` xufier tat-taxi valida f'xi żmien qabel l-1 ta` Novembru 2010, dan ir-rekwiżit ikun meqjus bħala sodisfatt.*

*Fl-ittra tagħha fuq imsemmija, l-Awtorità qiegħda tgħid illi t-tag skadit mingħajr ma ġiet imġedda fid-9 ta` Frar 2007.*

*Għalkemm dan fattwalment m'huwiex korrett. L-esponenti ġie mressaq b'arrest il-Qorti fl-1 ta` Frar 2007 u dam arrestat ftit ġimgħat sakemm ingħata bail u f'dawn iż-żminijiet it-tag ġiet sospiża mill-istess Awtorità u ma kienx il-każ li huwa naqas li jġeddidha. Jibqa` l-fatt però illi jekk ġietx imġedda jew le m'huwiex fattur relevanti. Li huwa relevanti huwa li l-esponenti kellu tag qabel l-1 ta` Novembru 2010. Il-liġi ma tgħidx li din kellha tibqa` tiġi mġedda minn dak il-mument 'il quddiem.*

*Illi inoltre, kif jirriżulta mill-fatti fuq indikati, huwa ċar u manifest illi l-esponenti kien qed jaħdem bħala xufier tat-taxi u fiż-żmien meta kien qed jagħmel dan ix-xogħol, huwa ġie imressaq il-Qorti u akkużat tal-offiżi relattivi. Illi konsegwenza ta` dan, it-tag ġiet sospiża u eventwalment instab ħati u mar il-Ħabs u għalhekk huwa ma setgħax iġeddida.*

*Fil-fatt il-proċeduri kriminali baqgħu sejrin sal-2015 sakemm imbagħad instab ħati u weħel sentenza karċerarja. Kien proprju għalhekk illi wara li huwa skonta l-piena li huwa ressaq l-applikazzjoni fuq imsemmija.*

*Illi għalhekk huwa evidenti illi anke dan il-kweżit huwa sodisfatt.*

**3. *Is-sentenza tkun ingħatat mill-inqas ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tat-tag tax-xufier u tal-permess tax-xufier.***

*Is-sentenza in kwistjoni ingħatat fl-2015 u b'hekk għaddew iktar minn ħames snin minn meta saret l-applikazzjoni.*

*Huwa relevanti illi f'dan it-tielet subartikolu, hemm żewġ sitwazzjonijiet li huma raviżati. Hemm sitwazzjoni fejn il-liġi qed titkellem dwar tiġdid (renewal), imbagħad hemm il-frażi "u tal-permess ta` xufier" (and of the driver's permit). Illi għalhekk b'konsegwenza ta` l-istess, l-esponenti jissottometti illi ġaladarba d-driver's tag tal-esponenti ġie sospiża b'riżultat tal-proċeduri kriminali fuq imsemmija huwa għandu dritt li din tiġi rinovata u inoltre, għandu dritt li jitlob li jkollu liċenzja ta` xufier.*

***Rappreżentazzjonijiet ulterjuri u ma ġewx milqugħa:***

<u>*Riabilitazzjoni u double jeopardy*</u>

*Illi inoltre, l-esponenti jirrileva wkoll b'mod ulterjuri illi fil-mument li seħħ ir-reat, ċioe f'Jannar 2007, l-esponenti kien għad għandu 22 sena. Mill-2007 sal-2021 – perjodu ta` erbatax-il sena, huwa kien għaddej minn proċeduri ta` kompilazzjoni, ġuri u wara dan, skonta l-piena karċerarja. F'dak iż-żmien kollu huwa mmatura u ġie riabilitat. Huwa għandu familja xi jmantni u senjatament tifel ta` tmin snin u ieħor ta` sittax-il sena. Għandu commitments personali lejhom u jrid jerġa`, bil-mod il-mod, jibni l-ħajja tiegħu mill-ġdid mingħajr ma jerġa` jxellef difrejh mal-liġi.*

*Huwa jammetti li għamel reat tant illi anke fil-ġuri huwa ammetta l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu. Huwa ġie punit għal dak li għamel b'sentenza karċerarja effettiva ta` ċertu ammont ta` żmien u ma` dan wieħed irid iżid ukoll in-numru ta` snin fejn dam għaddej bil-proċeduri ta` kompilazzjoni.*

*Ċertament, medda ta` erbatax-il sena hija medda twila biżżejjed biex bniedem jinbidel u jitgħallem il-lezzjoni li l-istat jipprova jgħallmu u biex huwa jirriabilita lilu nnifsu.*

*Ix-xogħol tiegħu huwa ta` taxi driver u għalhekk m'għandux jiġi punit għal darb'oħra billi jiġi vjetat milli jerġa` jmur lura għax-xogħol tiegħu lavorattiv.*

*Illi l-esponenti jħoss illi jekk it-talba odjerna tiġi miċħuda, huwa jkun qed jerġa` jiġi punit għar-reat fuq imsemmi meta fil-fatt huwa ġa ġie punit u skonta l-piena relattiva. Bniedem ma jistgħax u m'għandux jiġi punit mill-Istat ripetutament għall-istess akkadut.*

***Dritt li jgħajjex lilu innifsu u lill-familja***

*Il-fatt li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rakkomandata biex tiġi miċħuda jfisser li huwa qed jiġi vjetat milli jerġa` jmur lura għax-xogħol tiegħu ta` xufier tat-taxi. Dan huwa l-mistier tiegħu, mistier leġittimu u mistier li jservi biex huwa jkun jista` jmantni lilu nnifsu u lill-familja tiegħu. Dan d-dritt huwa wieħed rikonoxxut mil-Kostituzzjoni.*

> ***7.** L-Istat jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini kollha għal xogħol u għandu jġib 'il quddiem dawk il-kondizzjonijiet li jagħmlu dan id-dritt effettiv.*

*Ma dan l-esponenti jirreferi wkoll għal-Art 8 tal-Kap 319.*

*Illi l-esponenti għandu dritt li jaħdem u jgħajjex lilu innifsu u lil familtu. il-mestier tiegħu hu ta` taxi driver u għalhekk, fis-sitwazzjoni odjerna, jekk jiġu applikati l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Kap 499.49, dawn għandhom jinqraw fil-kuntest tal-Kostituzzjoni li hija liġi superjuri.*

***Applikazzjoni retroattiva***

*Illi inoltre, jiġi rilevat ulterjorment illi l-liġi li għab-bażi tagħha l-Awtorità qiegħda tiċħad it-talba odjerna hija liġi li ġiet fis-seħħ wara li ġie kommess l-imsemmi reat u stante l-element punittiv tal-istess liġi, f'każ li dan it-Tribunal jidhirlu li l-esponenti ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-istess, dan ifisser illi l-element punittiv tal-istess liġi, ikun qed jiġi applikat retroattivament u huwa ben saput illi kemm taħt il-liġi Ewropeja (EU), kif ukoll taħt il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali u taħt il-Kostituzzjoni, liġi li għandha element penali u punittiv m'għandiex tiġi applikata retrospettivament (vide wkoll Art 7 tal-Kap 319).*

*Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorità tat-Trasport fuq imsemmija u konsegwentement jordna li ma hemm l-ebda ostakolu sabiex l-esponenti jiġi mogħti t-tag ta` xufier tat-taxi kif minnu mitlub.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ppreżentata fl-4 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi d-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lir-rikorrent Darren Aquilina hija waħda ġusta, korretta u skond il-liġi u għalhekk għandha tiġi konfermata u r-rikors preżentat mir-rikorrent għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, u dan għar-raġunijiet li se jiġu hawn imtennija.*

2. *Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-4 ta' Marzu, 2015, il-klijent tiegħek instab ħati inter alia ta' traffikar ta' droga eroina bejn Jannar u Frar, 2007. Skond Regolament 11A(2) ta' S.L. 499.59 ċitat mir-rikorrent fir-rikors tiegħu, "il-frażi "sentenza" m'għandhiex tinkludi:*

   *(d) sentenza għat-twettiq ta' reat li –*
   *(i) sar qabel l-1 ta' Novembru, 2010;*
   *(ii) sar minn persuna li kellha tag ta' xufier tat-taxi valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel l-1 ta' Novembru, 2010; u*
   *(iii) ngħatat għall-anqas ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tat-tag ta' xufier tat-taxi u tal-permess tax-xufier".*

   *Ir-rikorrent matul it-terminu li fih ġie mwettaq ir-reat li tiegħu huwa ġie misjub ħati, in toto jew in parte ma kienx għad għandu tag ta' xufier ta' taxi valida stante illi tali tag skadiet fid-9 ta' Frar, 2007 u konsegwentement ir-rikorrent ma jistax jinvoka a favur tiegħu l-imsemmi Regolament 11A(2)(d)ta' S.L. 499.59 mhijiex applikabbli.*

3. *Illi ovvjament id-dispożizzjonijiet tal-liġi relattivi għar-rekwiżit tar-reputazzjoni u l-kondotta huma intiżi għall-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali inkluż tfal illi jużaw trasport pubbliku u għalhekk kwasijasi appell mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Awtorita' għall-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali għandhom ikunu di stretta interpretazione.*

4. *Illi in kwantu jirrigwarda d-diversi lanjanzi ta' natura kostituzzjonali mqajma mill-appellant, l-Awtorita' rispondenti ttenni li bid-dovut rispett mhijiex il-mansjoni ta' dan l-Onorabbli Tribunal illi jeżamina u jiddeċedi materji ta' natura kostituzzjonali stante illi tali kompetenza bil-liġi hija riżervata lill-qrati kostituzzjonali u dan kif konfermat minn dan l-Onorabbli Tribunal stess fis-sentenza minnu mogħtija fil-kawża fl-ismijiet 'Eugene Cardona -vs- L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta' (Rikors Nru. 127/2013CG) deċiża fil-11 ta' Mejju, 2015 li fiha ġie enunċjat kif ġej:*

*"Illi fir-rikors tal-appell odjern, ir-rikorrent iqajjem numru ta' aggravji, uħud rigwardanti lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Illi irid jingħad minnufih illi dan it-Tribunal mhux kompetenti li jippronunzja ruħu fuq kwistjonijiet ta' leżjoni ta' tali drittijiet. Dan huwa ċertament il-kompetenza ta' forum ieħor".*

5. *Illi għalhekk it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.*

Sema' x-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata komunikata lilu permezz ta' ittra datata 14 ta' Settembru 2021 li permezz tagħha ġie mgħarraf illi l-Awtorita kienet irrifjutat l-applikazzjoni tiegħu għall-ħruġ ta' permess ta' xufier stante li ma jissodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba *ai termini* tar-Regolamenti dwar Servizzi tat-Taxi (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59) u dan in vista ta' sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu fl-4 ta' Marzu 2015 fejn instab ħati, *inter alia*, ta' traffikar ta' droga eroina bejn Jannar u Frar 2007.[1] L-istess deċiżjoni tgħid li Regolament 11 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59 mhux applikabbli fil-każ odjern peress li r-rikorrent ma kienx għad għandu t-*tag* ta' xufier ta' *taxi* valida **<u>fil-mument tat-twettieq tar-reati li tagħhom instab ħati.</u>**

[1] A fol. 26

Illi jirriżulta illi qabel ngħatat din id-deċiżjoni, l-Awtorita` intimata kienet tat avviż lir-rikorrent bil-ħsieb tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu, u dana permezz ta' ittra datata 30 ta' Awwissu 2021, li pero` qatt ma ġiet ippreżentata fl-atti ta' dawn il-proċeduri pero` hemm referenza għaliha f'ittra mibgħuta mill-konsulent legali tar-rikorrent datata 7 ta' Settembru 2021.[2] Illi f'din l-aħħar imsemmija ittra, d-difensur tar-rikorrent ressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu għaliex, skont hu, l-Awtorita` ma kellhiex raġun fiċ-ċaħda tagħha.

Illi għal aħjar intendiment tal-fatti, it-Tribunal se jagħmel is-segwenti elenku tal-fatti kif seħħew:

1. **<u>Fl-1 ta' Frar 2007</u>** ir-rikorrent ġie arrestat u sussegwentement imressaq il-Qorti fejn fost affarijiet oħra ġie akkużat li ttraffika d-droga kokaina;
2. Ir-rikorrent kellu liċenzja ta' xufier valida **<u>sad-9 ta' Frar 2007</u>**;[3]
3. Fil-11 ta' Frar 2015 ir-rikorrenti ammetta għall-akkużi maħruġa fil-konfront tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali;
4. Fl-4 ta' Marzu 2015 il-Qorti Kriminali ikkundannat lir-rikorrent għal disa' (9) snin priġunerija u għal multa ta' tlieta u għoxrin elf u ħames mitt ewro (€23,500);[4]
5. Illi r-rikorrent serva l-piena tiegħu u ħareġ mill-Faċilita` Korrettiva ta' Kordin fl-2021;
6. Sussegwentement huwa pproċeda biex japlika għat-*tag* ta' xufier;
7. Permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2021 l-Awtorita` intimata nfurmatu li kienet beħsiebha tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu stante li ma ssodisfax il-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba ai fini **tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56) u Regolament dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68)** u dan minħabba s-sentenza su ċitata. Fl-istess ittra r-rikorrent ingħata għaxart (10) ijiem żmien sabiex jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet bil-miktub tiegħu;[5]
8. Permezz ta' ittra legali datata 11 ta' Awwissu 2021 ir-rikorrent ressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu lill-Awtorita` intimata;[6]
9. Fit-30 ta' Awwissu 2021 l-Awtorita` intimata reġgħet kitbet lir-rikorrent fejn infurmatu li l-applikazzjoni tiegħu għat-*tag* ta' xufier ta' *taxi* kienet

[2] A fol. 34
[3] Dokument BF1 a fol. 32
[4] A fol. 45 *et sequitur*
[5] Dokument BF2 a fol. 33
[6] Dokument BF4 a fol. 37

se tiġi rifjutata abbażi tal-**Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59** (Regolamenti Dwar Servizzi tat-*Taxi*) u stednietu jagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu;

10. Dawn ir-rappreżentazzjonijiet saru permezz ta' ittra legali datata 7 ta' Settembru 2021;[7]
11. Permezz ta' deċiżjoni datata 14 ta' Settembru 2021, l-Awtorita` intimata infurmat lid-difensur tar-rikorrent bid-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu.[8]

Illi għall-aħjar intendiment tar-raġuni mogħtija mill-Awtorita` intimata, it-Tribunal se jiċċita testwalment ir-Regolament 11A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59 li jelenka ċ-ċirkostanzi, li jekk javveraw ruħhom, persuna ma titqiesx ta' **"reputazzjoni u kondotta tajba"**, u ċioe`:

*"(1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa l-kundizzjoni ta' reputazzjoni u kondotta tajba kif meħtieġ taħt ir-regolament 11 -*

*(a) jekk hija tkun instabet ħatja ta' xi reat kif jidher-*

*(i) fit-Titolu I tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali jew fl-artikoli 198, 199, 203, 203A,204, 204A, 204B, 204Ċ, 205, 211, 212, 217 (f'każ illi r-reat ikun twettaq permezz ta' arma tan-nar), 220, 238(a),248B, 248Ċ, 248D tal-Kodiċi Kriminali;*

*(ii) fl-artikoli 2, 3, 5, 7, 8, 9 u 10 tal-Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni;*[9]

*(iii) fl-artikoli 40A, 40B, 120A, u 120B tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha;*

***(iv) fl-artikoli 4, 5, 6(a), 7, 8(b), 8(ċ), 8(e), 11,13(2), 14(3), 15, 15A, 16, 17, 18, 22(1)(b), (ċ), (d), (e),(f), 22(1Ċ), 22(1D)(a), 22(1E) u 22(3BA)(5) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;***[10]

*(v) fl-artikoli 37, 38, 44, 50 u 61 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;*

*(b) għal dak il-perjodu ta' żmien meta hija tkun qiegħda tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar(1);*

[7] Dokument BF3 a fol. 34
[8] A fol. 26
[9] Enfasi tat-Tribunal
[10] Enfasi tat-Tribunal ghaliex rilevanti ghal dan l-appell

*(ċ) għal dak il-perjodu ta' żmien li jiġi minnufih wara dak iż-żmien li hija tkun għamlet tiskonta piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn xahar (1) li tkun ingħatat lil dik il-persuna għal reat jew reati marbuta ma' vjolenza fuq persuna oħra, liema perjodu jkun:*
*(i) tliet (3) xhur fir-rigward ta' pieni ta' priġunerija ta' mhux inqas minn sitt (6) xhur iżda li ma jkunux aktar minn sentejn (2);*
*(ii) daqs kwart tal-piena ta' priġunerija li għaliha persuna bħal dik tkun ikkundannata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sentejn (2):*

*Iżda wkoll meta l-applikant kellu inqas minn tmintax (18)-il sena meta wettaq ir-reat, il-perjodi msemmija fil-paragrafu (ċ) ma għandhomx ikunu ta' aktar minn sentejn (2).*

*(d) tkun instabet ħatja li wettqet xi reat bħal dawk taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta.*

*(2) Għall-finijiet biex jiġi stabbilit jekk persuna hijiex ta' reputazzjoni u kondotta tajba skont is-subregolament (1), il-frażi "sentenza" ma għandhiex tinkludi:*

*(a) ordni ta' probation mogħtija skont l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 5 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin u li tkun ġiet osservata mill-probationer jew ordni għal-liberazzjoni assoluta jew taħt kondizzjoni mogħtija taħt l-artikolu 22 tal-Att dwar il-Probation jew l-artikolu 9 tal-Att dwar il-Probation tal-Ħatjin li tkun ġiet osservata; jew*

*(b) sentenza għat-twettiq ta' reat li dwaru persuna li tkun ġiet misjuba ħatja tiġi mogħtija maħfra mill-President ta'Malta skont l-artikolu 93(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;iżda dan il-paragrafu għandu jkun japplika biss mid-data li fiha l-President ta' Malta jkun ta maħfra bħal dik; jew*

*(ċ) sentenza li fil-waqt tal-applikazzjoni tagħha tkun qiegħda taħt appell; jew*

***(d) sentenza għat-twettiq ta' reat li –***

***(i) sar qabel l-1 ta' Novembru, 2010;***
***(ii) sar minn persuna li kellha tag ta' xufier tat-taxi valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel l-1 ta' Novembru, 2010; u***
***(iii) ngħatat għall-anqas ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni għat-tiġdid tat-tag ta' xufier tat-taxi u tal-permess tax-xufier.***

*(e) sentenza għat-twettiq ta' reat ta' pussess għall-użu esklussiv imsemmija fis-subparagrafi (iii) u (iv) tas-subregolament (1)(a), liema sentenza tkun ingħatat mill-anqas tliet snin qabel id-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni għal-liċenzja ta' operatur fejn l-applikant ikun irriabilita ruħu u ma kellux sentenza oħra matul dawn it-tliet snin.*

Illi t-Tribunal josserva illi fir-Regolament 11A (1) li għalih hemm referenza fis-subinċiż (2), il-frażi "sentenza" ma tissemma qatt. Madanakollu dan it-Tribunal jifhem illi meta l-leġislatur kien qiegħed jirreferi għal "sentenza" din trid tittieħed bħala referenza għas-sejbien ta' ħtija tal-applikant. Kif diġa ingħad iktar 'il fuq, jirriżulta illi l-Awtorita` intimata, fid-deċiżjoni tagħha, ħadet in konsiderazzjoni sentenza tal-Qorti Kriminali tal-2015 mogħtija fil-konfront tar-rikorrent.

Illi l-punt ta' kontestazzjoni huwa jekk din is-sentenza kellhiex tittieħed in konsiderazzjoni fl-evalwazzjoni tal-applikazzjoni in kwistjoni. Filwaqt li r-rikorrent jissottometti li l-istess sentenza ma kellhiex tittieħed in konsiderazzjoni għaliex in linea mar-Regolament 11A (2) (d) huwa kien jissodisfa l-kriterji kollha hemm elenkati, fosthom illi huwa kien fil-pussess ta' *tag* ta' xufier qabel l-1 ta' Novembru 2010, min-naħa l-oħra l-Awtorita` intimata tisħaq is-segwenti fid-deċiżjoni tagħha, u ċioe`: *"fil-mument tat-twettiq tar-reat illi tiegħu ġie misjub ħati, il-klijent tiegħek, matul it-terminu li matulu ġie mwettaq l-imsemmi reat, in toto jew in parte ma kienx għad għandu tag ta' xufier ta' taxi valida stante illi tali tag skadiet mingħajr ma ġiet imġedda fid-9 ta' Frar 2007. Konsegwentement l-eskluzjoni minnek ċitata a tenur ta' Regolament 11A (2) ta' S.L. 499.59 mhijiex applikabbli."*

Illi jibda biex jingħad, illi kuntrarjament għal dak imniżżel fl-istess deċiżjoni, fil-mument li ġew imwettqa r-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent, it-*tag* ta' xufier kienet għadha valida. Dana għaliex **huwa ġie arrestat fl-1 ta' Frar 2007** mentri t-*tag* **skadiet fid-9 ta' Frar 2007**. Min-naħa l-oħra huwa fatt li l-istess *tag* ma ġietx imġedda wara l-imsemmi perjodu.

Illi mhux kontestat illi żewġ elementi mit-tlieta elenkati f'Regolament 11A (2) (d) huma sodisfatti, u ċioe` illi r-reati li tagħhom instab ħati r-rikorrent seħħew qabel l-1 ta' Novembru 2010 u li s-sentenza fil-konfront tar-rikorrent ingħatat ħames (5) snin qabel id-data tal-applikazzjoni. Id-diffikulta tqum jekk ir-rikorrent jissodisfax il-kriterju li kellu *tag* ta' xufier tat-*taxi* qabel l-1 ta' Novembru 2010. Filwaqt li r-rikorrent jgħid li huwa kellu u li ma geddidhiex in

vista taċ-ċirkostanzi kif żviluppaw, prinċipalment għaliex huwa ġie arrestat u kien hemm il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, da parti tagħha l-Awtorita` intimata tgħid illi r-rikorrent ma jistax jiġi kkunsidrat li kellu l-imsemmija *tag* għaliex din skadiet fi Frar 2007 mingħajr qatt ma reġgħet ġiet imġedda u kwindi, skont l-istess Awtorita`, ma jistax jingħad illi r-rikorrent kellu *tag* ta' xufier qabel l-1 ta' Novembru 2010.

Illi dan it-Tribunal jirrileva illi d-deċiżjoni appellata hija fattwalment żbaljata, u dan stante li fil-mument li r-rikorrent wettaq ir-reati huwa **kien fil-pussess ta' *tag* valida** u mhux kif imniżżel fl-istess deċiżjoni li meta twettaq ir-reat ma kellux *tag* valida. It-Tribunal huwa tal-fehma illi jista' jieqaf hawn u jannulla d-deċiżjoni però huwa tal-fehma illi jkun ferm għaqli li jinvesti proprju l-punt kruċjali li dwaru m'hemmx qbil bejn iż-żewġ partijiet, u ċioe` l-interpretazzjoni ta' Regolament 11A (2) (d) (ii). Illi fil-fehma tat-Tribunal dan is-subregolament irid jiġi interpretat b'mod loġiku u mhux bl-interpetazzjoni ristrettiva li qiegħda tagħti l-Awtorita` intimata. Illi s-subregolament ma jsemmix li t-*tag* riedet tkun għadha valida fl-1 ta' Novembru 2010. Kwindi dan it-Tribunal ma jistax jagħti interpretazzjoni oħra ħlief li ladarba r-rikorrent kien fil-pussess ta' *tag* ta' xufier qabel l-1 ta' Novembru 2010, anke jekk din ma kinitx imġedda wara li skadiet fl-2007, allura huwa jikkwalifika għal-benefiċċju mogħti b'artikolu 11A (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.59. Kieku l-Leġislatur ried mod ieħor allura d-diċitura tas-subregolament kienet tkun is-segwenti, u ċioe` "(ii) sar minn persuna li kellha *tag* ta' xufier tat-*taxi* valida maħruġa lilha mill-Awtorita` li kienet għadha valida fl-1 ta' Novembru 2010." Illi evidentement din ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur għaliex id-disposizzjoni tal-liġi tgħid mod ieħor u ma tgħidx illi persuna riedet tkun inħarġitilha *tag* qabel l-1 ta' Novembru 2010 u li kienet għadha valida fl-imsemmija data.

Illi fl-aħħarnett it-Tribunal jirrileva illi fir-rikors promutur ġew imqajjma diversi lanjanzi ta'natura kostituzzjonali. It-Tribunal m'għandu ebda kompetenza biex jippronunzja ruħu fuq l-istess lanjanzi u għaldaqstant se jkun qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni tagħhom.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi kemm fattwalment u kemm legalment id-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata hija waħda żbaljata.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti qiegħed jilqa' l-appell tar-rikorrent u jiċħad ir-risposta tal-Awtorita` intimata u kwindi jirrevoka u jannulla d-deċiżjoni appellata datata 14 ta' Settembru 2021.

Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` intimata.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**